KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t' Awwissu 2012

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2012 fit-3.00pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Approvazzjoni tal-1st Quarter Financial Report
2. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
3. Approvazzjoni tal-Kuntratt ta` JUSTBES Ltd – Football Academy

Ghal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici-Sindku Vincent Borg u l-kunsillier Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**
**Is-Sur Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta'sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

**Nota: 15:10 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza u talab lill-Accountant is-Sur Paul Bugeja sabiex jinghaqad mal-mejda.**

**15:30 Il-laqgha straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali tkompliet.**

## 1. Approvazzjoni tal-1st Quarter Financial Report

1.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah il-materja u jressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012 li gie ccirkolat mal-avviz tal-laqgha.

1.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega f'hiex kien jikkonsisti r-rapport u wara li gie evalwat u diskuss dan ir-rapport, tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Vincent Borg, u ssekondat mill-Kunsillier Nigel Holland biex dan ir-rapport jigi approvat.

1.3 Ittiehed vot favut il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 2. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 66-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

2.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Nigel Holland, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10711 sa 10758 u cekk nru 00031 sa 00060, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, NH, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

2.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Davina Sammut Hili, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 3. Approvazzjoni tal-Kuntratt ta` JUSTBES Ltd – Football Academy

3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiftah id-diskussjoni.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi spjega li l-kuntratt bejn il-Kunsill u JUSTBES Ltd. kien gie ffinalizzat bil-kriterji kollha mitluba mill-Kunsill, u ghalhekk kien qed iressaq dan il-kuntratt ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li fil-kuntratt jigi stipulat li jrid ikun hemm gurnata fejn il-piccijiet ma jintuzawx mill-Akkademja sabiex ikun jista' jaghmel uzu minnhom haddiehor.

3.4 Il-Kunsill talab ukoll li fil-kuntratt ikun indikat b'mod car li jekk ghal xi raguni, il-Gvern Centrali jiddeciedi li c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ma jibqax jinkera iktar lill-Kunsill, il-Kunsill ma jinzamm responsabbli ghall-ebda danni.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li z-zewg klawsoli msemmija f'materja nru 3.3 u 3.4 kienu gew imnizzla bhala parti mill-kuntratt.

3.6 Ghalhekk il-Kunsill ghadda sabiex japprova l-kuntratt finali bejnu u bejn JUSTBES Ltd. wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondat mis-Sindku Davina Sammut Hili.

3.7 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-kuntratt finali, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Il-laqgha ntemmet fl-15.55.

| | |
|---|---|
| | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |